TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 374/10

**George Borg**

**vs**

**Brittania Services Ltd.**

Illum 28 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-11 t'Ottubru, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mija u disgħin ewro (€190), rappreżentanti prezz ta' depożitu li r-rikorrenti jrid lura.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien għamel booking u kien hemm xi nuqqas ta' ftehim fuq xi *excursion* u għalhekk qed jitlob il-flus lura.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi r-rikorrenti ħassar il-vjaġġ għax ħassar ir-relazzjoni li kellu mal-persuna li kienet sejra miegħu u għalhekk ma riedx isiefer magħha.

It-Tribunal jinnota illi dan il-fatt ġie ammess mir-rikorrenti stess fit-Tribunal.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888